Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 553/2015

**Go plc (appellanti)**

**Vs**

**Jesmond Grech (appellat)**

22 ta' Novembru, 2016.

1. L-attrici harrket lill-konvenut ghas-somma ta' €729.84 fir-rigward ta' kontijiet relatati ma' Bundle Agreement (Home Pack) (AC40148478). B'sentenza tas-27 ta' Ottubru 2015, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddikjara li l-azzjoni hi preskritta.

2. L-attrici appellat mis-sentenza tat-Tribunal fejn ilmentat li:

   i. Il-preskrizzjoni li tapplika hi dik kontemplata fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
   ii. Mill-provi li tressqu jirrizulta li t-terminu ta' hames snin ma kienx ghadda mid-data meta sar l-ahhar pagament sad-data li fiha giet prezentata l-kawza.

3. Il-konvenut wiegeb li l-appell hu null ghaliex ma jaqax taht wiehed mill-kazijiet li minnhom jista' jsir appell. Inoltre, m'hemmx ragunijiet sabiex din il-qorti tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal.

**<u>Konsiderazzjoni dwar l-aggravji</u>**.

4. Fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari, l-attrici kellha jedd li tappella mis-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2015 gialadarba l-aggravju jirrigwarda d-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

5. Fit-13 ta' April, 2010 il-konvenut iffirma kuntratt sabiex jinghata servizz maghruf bhala *4P Bundle – Telephone Fixed Line, Gold + TV, Broadband and Mobile*. L-ahhar pagament sar fil-25 ta' Marzu, 2011. Il-kontijiet jirreferu ghall-perjodu bejn Awissu 2010 u Marzu 2011 u l-ahhar pagament sar fil-25 ta' Marzu 2011. Fit-13 ta' Lulju 2015 l-attrici pprezentat il-kawza. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta kienet li l-azzjoni tal-attrici hi preskritta (Artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili[1]) [ara verbal tas-seduta tal-25 ta' Settembru, 2015).

[1] Preksrizzjoni ta' tmintax-il xahar fir-rigward ta' *"(f) l-azzjonijiet ta' kull persuna, ghall-kera ta' hwejjeg mobbli."*

6. Il-kuntratt li ffirma l-konvenut fit-13 ta' April 2010 ma kienx kuntratt ta' kera ta' mobbli izda **kuntratt ghal ghoti ta' servizz**. Bil-*Home Pack 42 Bundle Service Agreement* il-konvenut inghata:

*"**the following services** at the rate of forty-two euro (€42) per month:*

*a. Go Gold + television service.*
*b. Go talk Anytime fixed phone line service and 60 free minutes to other local fixed phone line.*
*c. Up to 2Mbps GO Internet Service with an additional up to 2Mbps, subject to the speed your line can attain.*
d. *Go 400 mobile minutes re talk-time shared within a Community in accordance with clause 8 below."*

Il-hlas jintalab talli l-attrici taghti s-servizz fuq imsemmi, u hu hlas fiss kull xahar.

7. Fis-sentenza t-Tribunal ma spjegax kif ikkonkluda li japplika l-Artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili. Gialadarba ma jirrizultax li l-kaz jitratta dwar kirja ta' mobbli, it-Tribunal kellu jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

8. Ghal dak li jirrigwarda l-meritu (artikolu 8(4) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, Kap. 380), l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut huma li:

8.1 Ma jiftakarx li hu debitur tas-socjeta attrici.
8.2 Qatt ma gie nterpellat mis-socjeta attrici.

9. 'Il fatt li l-konvenut iddikjara li ma jiftakarx li hu debitur, ma jfisser xejn. Mill-provi rrizulta li fil-fatt hemm kontijiet li ma thallsux (ara deposizzjoni ta' Simone Whiteman fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2015). Il-konvenut spjega li kien issepara minn mal-mara u baqax ighix fil-fond fejn kien qieghed jinghata s-servizz. Materja li ghall-attrici hi *res inter alios acta*. Il-kuntratt sar bejn il-partijiet, u bhala parti l-konvenut ghandu obbligu kuntrattwali li jhallas lill-attrici diment li kien ghadu jinghata s-servizz. Dan irrispettivament minn min kien qieghed jaghmel uzu. Dan apparti li l-konvenut xehed li ma kienx gharraf lill-attrici li wara s-separazzjoni ma baqax ighix fid-dar u li wara s-separazzjoni s-servizz ma twaqqafx. Il-konvenut kompla jikkonferma li s-servizz kien baqa' ghaddej sa Marzu 2011. Il-hlas pretiz mill-attrici ma jaqbizx dak il-perjodu.

10. Ghalkemm jirrizulta li qabel il-kawza il-konvenut ma giex interpellat b'ittra ufficjali, fil-meritu dan 'il fatt mhu ta' ebda konsegwenza ghall-pretensjoni tal-attrici.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellat u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-27 ta' Ottubru 2015 u tiddeciedi l-kawza billi:**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
**2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-attrici fis-sens li tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta':**

**i. Erba' mitt ewro u ghoxrin centezmu (€400.20);**
**ii. U Tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€329.64) jekk il-konvenut ma jirritornax l-apparat lill-attrici sal-ahhar ta' Frar, 2017.**
**iii. Imghax jithallas fir-rigward tas-somma ta' €400.20 mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba (21 ta' Lulju, 2015) u fir-rigward tal-bilanc b'effett mill-1 ta' Marzu, 2017.**

**Spejjez kollha a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.